# ARTIKLU

Mis-Sur Salvu Aquilina
SOĊJU FIL-KAŻIN

## IT-TOROQ TAL-PURĊISSJONI FL-ANTIK

Daqs tmenin sena ilu l-purċissjoni ta' San Bartilmew ma kinetx tgħaddi mid-dawra li nafuha llum jew kif kienet tgħaddi erba' snin ilu. Il-purċissjoni kienet tgħaddi minn dawn it-toroq li ġejjin.

Kif toħroġ mill-knisja ddur fuq il-lemin għal Triq id-Dejqa jew kif nafuha aħna n-nies tal-Għargħur, jiġifieri għal wara t-trabuna. Wara tgħaddi għal Triq il-Wiesa', magħrufa bħala "il-Pjazzetta". Iddur fuq ix-xellug għal Triq il-Kbira jew kif nafuha bħala "in-naħa tal-Belt". Kif tasal ħdejn il-forn l-antik ta' Anġlu Ellul iddur għal Triq il-Ġdida magħrufa bħala "Il-Ħora l-Ġdida". F'kantuniera minnhom ir-reffiegħa kienu jneħħu bastun minnhom sabiex idawru l-istatwa fuq l-idejn b'diffikultà kbira minħabba d-djuq tat-trejqa. Wara tgħaddi minn fejn illum hemm l-oratorju.

Dak iż-żmien kien hemm siġra tat-tin kbira u l-istatwa kienet tgħaddi tħokk mal-weraq tagħha. Malli tħokk it-tfal kienu jgħidu "San Bert qata' tina!". Wara tibqa' sejra għal biċċa l-oħra li llum imsemmija għal Emanuel Perren, imbagħad iddur fuq il-lemin għal Triq San Ġwann li magħrufa bħala Triq San Nikola. Minn hemm titla' għal Pjazza tal-Knisja.

Il-purċissjoni kienet tidħol għal ħabta tas-sitta u nofs. kif tidħol l-istatwa tal-patrun tagħna kienet tingħata l-barka kif tradizzjonalment għada tingħata sal-ġurnata tal-lum. Minn hemm, wara min kien jista' kien imur jixtri xi biċċa qubbajt u wara kulħadd kien jinġabar ġewwa daru.

Tagħrif mgħoddi lili minn żewġ anzjani.

Filwaqt li nirringrazzja lill-Kumitat tal-Banda talli tani dan l-ispazju biex inġib dan it-tagħrif nappella biex aktar soċji jirrakontaw dak li semgħu mingħand missirijietna. Hemm ħafna stejjer u drawwiet li nistgħu nirrakontaw jekk kull min għandu xi informazzjoni jew xi storja li jista' jaqsamha mal-qarrejja ta' dan il-ktejjeb. Ħasra li jekk minħabba mistħija jew nuqqas ta' kuraġġ dawn in-nies ma jersqux u jirrakontaw dawn l-istejjer jew drawwiet u allura dawn jintilfu u ħadd ma jkun jaf bihom.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd